# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 14 ta' Ottubru 2015**

**Avviż Numru: 31/1999**

**Joe Buttigieg**

**vs**

**Mariella Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata tirrifondi lill-attur is-somma ta' elf lira (Lm1,000) mislufa lilek "brevi manu" fil-5 ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) għall-iskop li tħallas il-maġġor part ital-bilanċ illi kien fadallek tħallas fuq il-karozza Hyundai Accent (numru ta' reġistrazzjoni CAC – 487), liema rifużjoni hij alum dovuta fl-għeluq ta' sentejn, inforza tal-artikolu 1078(a) tal-Kodiċi Ċivili (kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tad-29 ta' April 1998, u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuta għas-subizzjoni li għaliha minn issa hija mħarka. Bl-imgħaxijiet ukoll skond il-liġi mid-data meta l-istess ammont kellu jiġi rifuż bis-saħħa tal-arikolu hawn fuq ċitat.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet illi:

1. Id-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-attur ma ta' ebda flus lill-konvenuta. Anzi kien l-attur li ripetutament talab u rċieva mingħand l-attriċi ħlasijiet ta' flus.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Ġunju 2015 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jirreklama mingħand il-konvenuta r-rifużjoni tas-somma ta' elf lira maltija (Lm1000) li huwa jgħid li kien sellifha *brevi manu* ftit qabel ma din kellha ssiefer, biex tkun tista' tżallas il-parti l-kbira tal-bilanċ mill-pagament li kien għadu dovut fuq karozza ta' tip Hyundai Accent li din kienet xtrat mingħand *dealer* tal-karozzi f'Għawdex f'April 1996. Il-konvenuta qed tiċħad li l-attur sellifha dawn il-flus, u ssostni li dan il-pagament ta' elf lira maltija (Lm1000) kienet għamlitu minn flusha stess.

F'dan il-każ il-Qorti ġiet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, u kif ġie stabilit fil-ġurisprudenza ċċitata miż-żewġ partijiet:

*"...l-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tal-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant."*[1]

Hekk ukoll: *"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament ta' provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawk l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi zvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ ta' probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli."*[2]

Meta nxtart il-karozza msemmija, il-partijiet kienu ilhom xi żmien għarajjes. Il-ħlas tal-bilanċ dovut fuq il-prezz tagħha kien qed jitħallas b'pagmenti piutost regolari mill-konvenuta. Imma billi l-konvenuta kienet ser issiefer lejn l-Istati Uniti għal xi żmien indeterminat, (infatti qatgħet biljett tal-ajru validu għal sitt xhur), xtaqet tnaqqas kemm jista' jkun mill-bilanċ, ħalli ma taqgħax lura fil-pagamenti. L-attur jgħid li peress li l-konvenuta ma kellhiex biex tħallas ammonti konsiderevoli f'daqqa, billi l-ħlas kienet qed tagħmlu minn dak li taqla' mill-impieg tagħha f'fabbrika, talbitu jsellifha elf lira għal dan il-għan, imma lanqas hu ma kellu dak l-ammont disponibbli. Allura, jkompli jgħid l-attur, huwa rrikorra għand huh, li aċċetta li jsellfu din is-somma biex jagħddiha lill-konvenuta. Dwar dan ġie kkorroborat minn ħuh

[1] Prim'Awla: Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia: 24.11.1966
[2] Prim'Alwa: George Bugeja vs Joseph Meilak: 30.10.2003

u minn oħtu.[3] L-attur spjega wkoll kif kien ħa dawn il-flus miegħu fuq ix-xogħol, u ltaqa' mal-konvenuta u ommha, kif kien miftiehem, biex flimkien marru jagħmlu l-pagament għand id-*dealer.* Infatti jgħid li dik kienet ir-raġuni għaliex l-istatement tal-5 ta' Frar 1997, minn fejn jirriżulta li sar dan il-pagament tal-elf lira maltija (Lm1000),[4] spiċċa fil-pussess tiegħu.[5]

Il-konvenuta, da parti tagħha tiċħad kategorikament li hija talbet u ngħatat xi flus mingħand l-attur. Anzi, skond ma sostniet fin-Nota tal-Ecċċzzjonijiet tagħha, kienet hi li selfet il-flus lill-attur, għalkemm dwar dan ma ressqet ebda prova. Tgħid li ma kellhiex għalfejn tissellef flus mingħand l-attur biex tagħmel il-pagament tal-elf lira maltija lid-*dealer*, għax kellha biżżejjed minn tagħha. Issostni li ġejja minn familja tat-tajjeb, u l-familja tagħha dejjem għenuha fil-ħtiġijiet tagħha. Tallega li din l-istorja l-attur ivvintaha biex ipattihielha talli kienet telqitu għal ħaddiehor.[6] In sostenn tat-teżi tagħha pproduċiet il-kambjali kollha maħruġa in konnessjoni max-xiri tal-karozza tagħha li kollha ġew ritornati lilha, flimkien mal-istatements tal-pagamenti li saru, għajr għal dik tal-elf lira, li tispjega li spiċċat għand l-attur għax qabel siefret, billi kienet ser tħalli l-karozza tagħha f'idejh, rieditu jkollu x'juri f'każ ta' bżonn.[7] Ommha ċaħdet li kienet akkumpanjat lill-konvenuta meta sar il-ħlas in kwistjoni, imma qagħdet lura milli tgħid li hi jew żewġha kienu tawha il-flus meħtieġa biex isir dan il-ħlas.

Sa hawnhekk il-Qorti setgħet tgħid li kwalunkwe waħda minn dawn il-verżjonijiet kienet kredibbli, u fin-nuqqas ta' prova li setgħet ix-xaqleb il-miżien lejn naħa jew oħra, kellha tiffavorixxi lill-konvenuta a bażi tal-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[8] Imma l-prova li finalment wasslet lill-Qorti biex temmen il-verżjoni tal-attur kienet id-dikjarazzjoni fuq il-firma ta' Spiro Formosa mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni dwar id-dħul tal-konvenuta mill-1993 sal-1999.[9] Dan id-dokument ġie prodott mill-konvenuta stess, u minnu jirriżulta li fl-1997 mill-fabbrika fejn kienet taħdem il-konvenuta sakemm siefret, (għax meta ġiet lura bdiet tahdem f'fabbrika oħra), id-dħul tagħha kien biss ta' Lm243.41, wara li titnaqqas it-taxxa tad-dħul u l-bolla tas-sigurta soċjali. Meta nxtrat il-karozza f'April 1996, il-konvenuta kienet ħallset akkont is-somma ta' Lm2100.[10] Wieħed jifhem li din kienet is-somma, jew il-parti l-kbira minnha, li l-konvenuta kien irnexxielha ġġemma sa dakinhar mill-impieg tagħha matul is-snin preċedenti, u ma setgħetx kellha wisq iżjed flus f'idejha, għax inkella x'aktarx kienet tagħmel depożitu ikbar għand id-*dealer* tal-karozzi, tenut kont ir-rata piuttost għolja ta' mgħax fuq l-interessi. Fix-xhur ta' wara l-

[3] Ara affidavit ta' John Buttigieg a fol. 24 – 25 tal-process, u dak ta' Lina Refalo a fol. 26 -27
[4] Ara Dok.JB 1 a fol.5
[5] Ara deposizzjoni tal-attur a fol.6 – 11
[6] Ara affidavit ta' Mariella Saliba a fol. 112- 115
[7] Ara Dokti.MS 7 – MS 20 a fol.122 -134 u Dokti. MS 21 – MS 27 a fol. 135 -141
[8] Appell Inferjuri: Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et. : 22.11.2002
[9] Ara Dok.A a fol.217
[10] Ara Dok. JB 1 a fol.5

konvenuta laħqet għamlet ħlas ta' Lm1700 oħra, u allura diffiċilment setgħet ġemmgħet biżżejjed sabiex tagħmel pagament ieħor f'daqqa ta' elf lira fi Frar 1997. Hawnhekk wieħed ma jridx jinsa' li, peress li l-konvenuta kienet ser issiefer dalwaqt lejn l-Istati Uniti  għal żmien indeterminat, xi ħaġa tal-flus riedet tieħu magħha ukoll, u allura dawn l-elf lira minn x'imkien riedu jiġu. La l-konvenuta, u lanqas ommha, kif rajna, ma qalu speċifikament li l-elf lira kienu pprovdewhomla l-ġenituri tagħha, jew li sselfithom minn band'oħra. Konsegwentement ma jibqa' ebda alternattiva ħlief li dawn il-flus tassew ġew mgħoddija lill-konvenuta mill-attur.

Billi l-attur qed jitlob ukoll l-imgħaxijiet skond il-liġi fuq is-somma mislufa, a tenur tal-artikolu 1078(a) tal-Kap.16, u peress li ma rriżultax li l-partijiet kienu ftehmu xi żmien għall-esekuzzjoni, dawn għandhom jiġu kkalkolati b'effett minn sentejn mid-data meta sar is-self, u ċioe' mill-5 ta' Frar 1999.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuta, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrifondi lill-attur is-somma ta' elf lira maltija (Lm1000), illum elfejn  tliet mija disa' u għoxrin  euro (€2329), bl-imgħaxijiet relattivi b'effett mill-5 ta' Frar 1999.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tad-29 ta' April 1998, kontra l-istess konvenuta.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur